# Il-Proġett ta' Restawr li sar fuq l-istatwa antika ta' San Pawl maħduma fl-irħam li kien hemm fil-faċċata tal-knisja

**Robert Cassar** M.A., B.Cons (Hons),B.A. (Hons)

Kien għall-ħabta ta' Awissu ta' l-2005 meta rċevejt telefonata mingħand il-Monsinjur Azzopardi jgħidli kemm kien konċernat dwar il-qagħda ta' l-istatwa antika ta' l-irħam ta' San Pawl u li kienet tinsab fuq il-frontispizju tal-knisja ta' San Publju annessa ma' dik tal-Kolleġġjata ta' San Pawl. Din l-istatwa kważi minsija minn dawk mdorrija ma dawn l-inħawi kienet tiħbed il-kurżità ta' ftit studjużi li għarfu minn kif kienet tidher mill-bod, li l-istil tagħha jqarreb lejn iż-żminijiet imwegħera tal-medjuevu. Fost dawn l-istudjużi li interessaw rwieħhom f'din l-istatwa għall-kwalitajiet rari tagħha nsibu lill-Monsinjur Azzopardi innifsu u lill-Professur Buhagiar u li jsemmiha fil-kitbiet tiegħu fosthom il-ktieb *The Late Medieval Art and Architecture of the Maltese Islands*. Dwar l-istatwa jgħid hekk: "*This is Malta's only significant late Gothic sculpture, and the good quality of the work suggests a prestigious commission. Although the provenance is unknown, it is probable that it belonged to the church or, perhaps its sacred grotto*." Huwa jkompli jgħid, "*Sicily is a likely possibility, but the style has an international quality that makes its date and centre of production difficult to identify*."[1]

## Studji Preliminari

Monsinjur Azzopardi qal li peress li l-istatwa hija ta' importanza storika, huwa xtaq li jien nitla neżaminaha mill-viċin u wara jinkiteb rapport dettaljat fuq l-istat li kienet fiha. Permezz ta' high-up, tlajt nara l-qagħda ta' l-istatwa, li aktar ma bdejt nersaq viċin, aktar bdejt ninduna bil-kundizzjoni ħażina li kienet fiha. L-istatwa kienet qed issofri minn nuqqas ta' attenzjoni u manutenzjoni minħabba l-fatt li kienet qiegħda f'post fejn ma tantx tintlaħaq. Fost l-aktar kawżi li kienu qed jikkaġunaw deterojazzjoni nsibu dik ta' l-erożjoni ta' l-uċuħ ta' l-irħam minħabba li hija kienet esposta għall-elementi tar-riħ u x-xita. Permezz ta' dawn, ħafna mid-dettalji oriġinali ttieklu u llixxaw. Problema kbira kienet li l-cristalli ta' l-irħam bdew jitilfu dik l-adeżjoni ta' bejniethom u għalhekk instab li kienu qed jitfatfru tant li l-wiċċ oriġinali ta' l-istatwa kien intilef. Tip ta' ħsara oħra li nstabet kienet fil-parti ta' taħt il-faxx ta' mal-qadd ta' l-istatwa. L-irħam ta' mal-vina griza li hemm fl-irħama kienu qed jitfarku.

Barra mill-ħsarat li kienu qed jaffettwaw l-irħama nfisha, kien hemm ħsarat oħra li kienu qed jtellfu mill-apprezzament ta' l-istatwa. Dawn kienu jinkludu l-formazzjoni ta' krosta sewdenija li normalment titrabba fil-partijiet fejn ix-xita u l-irjiħat ma jilħqux. Dawn jiffurmaw permezz tat-trab tal-ġebla nfisha li jitħallat ma dħaħen li jniġġsu l-ambjent bħalma huwa tal-karozzi u makkinarju ieħor. Din il-krosta kienet mqabbda sew ma' l-irħam u minbarra li kienet qed toskura l-irħam, kienet qed isservi ta' aġent ta' korrożjoni aċiduż li jibdel l-irħam f'ġibs.

L-istatwa kienet qed issofri wkoll minn attakk bijoloġiku minn ħass u likeni li trabbew u amalqamaw b'mod agressiv mal-wiċċ tal-ġebla. Dawn jitrabbew l-aktar fil-partijiet fejn in-nida u x-xita jistrieħu fuq l-irħam u jipprovdu ambjent tajjeb biex dawn jikbru. Fost dawn instabu żewġ kwalitajiet; kien hemm dawk bojod li nstabu mal-partijiet fejn l-ilma jqattar bħax-xfar tal-libsa, u oħrajn aktar skuri. Dawn ta' l-aħħar kif ukoll ħass u likeni oħra ta' kuluri differenti, nstabu l-aktar fil-partijiet ta' madwar il-pedestall u s-saqajn ta' l-istatwa. Fiż-żewġ każijiet, l-likeni u l-ħass kien qed jikkontribwixxi għal deterjorament tal-wiċċ ta' l-irħam minħabba l-fatt li dawn it-tnejn meta jixxarbu jitilqu ċerti sustanzi aċidużi li jieklu l-irħam b'mod irreversibbli.

Minn din l-investigazzjoni preliminari innutajt wkoll aktar ħsara fosthom l-id il-leminija u l-manku tax-xabla. Dawn kienu maqtugħa indipendenti għalihom mill-istatwa u kienu qed iżommu f'poshom permezz ta' pinnijiet tar-ram li kienu qed jtebbgħu l-irħam b'lewn ħadrani. L-id li għandha s-swaba


L-istatwa qabel ma tniżżlet min-niċċa

kollha mtajra kienet f'dawn l-aħħar ħmistax-il sena msewwija. Is-swaba kienu ġew maħduma b'xi cement abjad iebes li għatta ħafna mill-oriġinal. Apparti minn dawn, l-istatwa soffriet minn daqqiet permezz ta' ħbit minn oġġetti oħra. Sinjali ta' dan jidhru f'diversi forom bħal grif fond u partijiet mtajra bħal fix-xfar tal-libsa.

Minħabba l-ħsarat li kienu nstabu, ġie deċiż li l-istatwa titniżel minn postha biex barra li jkompli jsir studju dettaljat tagħha, titwaqqaf l-ħsara li kien qed jiġrilha, permezz ta' intervent ta' restawr. Ir-rapport tal-kundizzjoni ta' l-istatwa tressaq flimkien mar-rikors lill-Kummissjoni ta' l-Arti Sagra fi ħdan il-Kurja Arċiveskovili ta' Malta. Ir-rikors ġie aċċettat u l-istatwa tniżżlet minn niċċa fejn kienet permezz ta' krane bil-għajnuna tas-Sur Ronnie Pisani nhar il-Ġimgħa, 13 ta' Jannar 2006. L-istatwa tpoġġiet fil-Mużew Wiganacourt minn fejn stajna nistudjawha aktar mill-qrib. Minħabba l-istat ta' konservazzjoni li l-istatwa kienet fiha u peres li l-istil ta' l-istatwa huwa uniku u rari għall-gżejjer Maltin, ġie deċiż li ssir kopja fidila ta' din l-istatwa biex titpoġġa fil-faċċata tal-knisja u għalhekk ma jintilef xejn mill-oriġinalità tal-faċċata. Mill-banda l-oħra, l-istatwa restawrata tista tibqa tiġi apprezzata aħjar mill-viċin u fl-istess ħin tkun preservata għall-futur ġewwa l-Mużew Wignacourt.

## Skoperti Ġodda

Peress li l-istatwa kienet fin-niċċa tagħha u l-parti ta' wara ma kienx daqshekk aċċessibbli waqt li kienet f'postha, wara li tniżżlet, skoprejna xi dettalji li jagħtu ħjiel għall-oriġini ta' l-istatwa. Indunajna li d-dahar ta' l-istatwa ma hux irfinut speċjalment fil-parti ta' l-għonq. Dawn juruna li probabbilment l-istatwa kienet minn dejjem intenzjonata għal ġo xi niċċa u għalhekk id-dahar ta' l-istatwa ma ingħatax ħafna importanza. Barra minn hekk fil-parti ta' fuq tar-ras, sibna toqba li probabilment fiha kienet mwaħħla xi tip ta' dijadema. Però l-aktar skoperta nteressanti hija li fuq in-naħa tax-xellug ta' dahru deher parti minn freġju magħmul mill-weraq ta' l-akantu. Dawn ma għandhom x'jaqsmu xejn kemm ma' l-istil ta' l-istatwa u aktar u aktar mat-tema tagħha. Però din l-iskoperta tagħtina ħafna nformazzjoni. L-istatwa hija maħduma minn xi gwarniċ kbir ta' l-epoka Rumana u li xi darba kien jagħmel parti minn xi bini kbir. Fl-epoka tal-medjuevu, din kienet xi ħaġa komuni fejn jutilizzaw materjali mir-rovini ta' epoki preċedenti. Jekk tħares lejn l-istatwa mill-ġenb, wieħed jista' jieħu ideja ta' kemm kienet wiesa l-blokka. Din l-informazzjoni mportanti titfalna dawl ukoll dwar ir-restrizzjonijiet li l-iskultur kellu biex joħroġ il-figura ta' San Pawl. Kien


Waqt ir-restawr


Dettall: Disinn fid-dahar ta' l-istatwa – freġju bil-weraq ta' l-akantu


Dettall tal-wiċċ



L-id il-leminija ta' l-istatwa – mhux mill-istess irħama

għalhekk li l-id ix-xellugija ħariġha minn biċċa rħama separata u mhux mill-istess blokka.

Din l-informazzjoni tista' titfa' dawl dwar il-provenjenza ta' l-istatwa jew aħjar minn fejn inġab dan il-gwarniċ u fejn inħadem, . . . jekk hux Malta stess, jew xi post viċin bħal Sqallija jew l-Italja ta' isfel. It-tip ta' rħama li hija maħduma minnha tidher li nqatgħet mill-Greċja sewwa sew mill-Għolja ta' Imetto[2]. Dan it-tip ta' rħam tant u hekk huwa magħruf bħala *Marmo dell' Imetto* jew *Marmo Cipolla*. Dan għandu vini griżi li normalment jimxu paralleli ma' xulxin bħalma nsibu fl-istatwa ta' San Pawl. Dan l-irħam beda jinqata' u jintuża fi kwantitajiet kbar mir-Rumani għal xi binjiet imponenti wara s-sena mija qabel Kristu[3].

## Il-Proġett ta' Restawr u Konservazzjoni

Il-proġett ta' restawr u konservazzjoni ġie fdat f'idejn il-Koperattiva ta' Restawr ReCoop. Ix-xogħol kollu sar fil-Mużew Wignacourt bejn Frar u April ta' l-2006. Qabel ma nbeda l-proġett sar studju tal-ħsarat permezz ta' dokumentazzjoni grafika u fotografika. Hawnhekk stajna naraw l-estensjoni tad-danni li sofriet l-istatwa tul is-snin u kif stajna nikkontrollawhom permezz ta' l-intervent tagħna. Ix-xogħol beda billi sseparajna l-id il-leminijja u l-manku tax-xabla. Minnhom qlajna l-pinnijiet tar-ram li kien hemm fihom.

L-istatwa mbagħad kienet mnaddfa mill-ħmieġ superfiċjali, l-aktar li kien jikkonsisti fi trab li qabad sew ma' l-uċuħ ta' l-irħam. Wara dan saru xi testijiet ta' tindif b'kimiċi jew aħjar taħlitiet ta' kimiċi differenti biex naraw liema l-aħjar minnhom tirreaġixxi tajjeb fit-tindif. Dan kien jinkludi t-tneħħija tal-materjal bijoloġiku bħal-likeni u l-ħass li semmejt aktar 'il quddiem kif ukoll il-krosta sewda li kienet qiegħda ttappan diversi bnadi mill-wiċċ ta' l-irħam. Fil-partijiet fejn il-likeni kienu ħoxnin ħafna, bdejna nneħħuhom permezz tas-sikkina serġikali. Dan ix-xogħol kollu sar bl-idejn u b'ħafna paċenzja biex inkunu żguri li l-wiċċ oriġinali ta' l-irħam ma jiġrilu ebda ħsara. Wara dan bdejna nużaw kimika biex nkunu ċerti li l-materjal bioloġiku eliminajnih għal kollox. Dan qed ngħidu minħabba l'fatt li l-likeni u l-ħass li jkunu jidhru niexfin u mejta jerġgħu jieħdu l-ħajja hekk kif jixxarbu. Biex eliminajna l-partijiet li bdew jidhru ħodor, kien hemm bżonn ta' diversi applikazzjonijiet tant li xi drabi, l-applikazzjonijiet tħallew għal ħafna ġranet biex stajna nerġgħu nkomplu naħdmu fuq l-istatwa.

Fażi oħra fix-xogħol kienet it-tneħħija tal-krosta sewda. Ħafna minnha bdejna ntaffuha bil-ħasil ta' ilma deionizzata. Intużaw ukoll xkupilji żgħar biex nilħqu dawk il-partijiet li kienu aktar mħaffra u mimlijin ħmieġ. Fil-biċċa l-kbira però, l-aktar fuq wara u taħt il-komma ta' l-id ix-xellugija kien hemm bżonn ta' applikazzjoni fit-tul b'kimika apposta. Biex l-effett jkun aktar posittiv din il-kimika tħalltet ma' tafal fin li ġie applikat fuq il-partijiet konċernati. Bħal fil-każ ta' qabel, dawn ġew applikati għal diversi drabi sakemm il-krosta bdiet iċċedi u għalhekk segħet titneħħa.

Wara dan kollu, bdew il-preparamenti biex tittieħed il-forma minn fuq l-istatwa oriġinali. L-istatwa tnaddfet sewwa bl-ilma deionizzat biex jitneħħa kull residwu ta' kimika użata fil-proċess ta' tindif. Wara li l-istatwa tħalliet tinxef sewwa, sar il-konsolidament ta' l-istatwa speċjalment fil-partijiet fejn l-irħam kien qed jitfarfar. Wara ingħatat tmien passati ta' resina trasparenti u reversibbli biex il-lastiku li jintuża għall-forma ma jtebbax jew jagħmel ħsara lill-irħam. Sadanittant, ttieħdet il-forma mis-Sur Joe Chetcuti u li minnha fonda replica fidila ta' din l-istatwa. Fl-aħħarnett, l-istatwa ġiet irfinuta minn xi residwi tal-forma u ingħatat xema sintetika bħala protezzjoni finali. L-id u l-manku tax-xabla twaħħlu b'mod li jistgħu jerġgħu jinqalgħu permezz ta' pinnijiet tan-nylon li huwa materjal newtru imma fl-istess ħin b'saħħtu.

Nixtieq nieħu din l-okkażjoni biex nirringrazzja lill-Monsinjur Dun Ġwann Azzopardi ta' l-inizjattiva li ħa biex jirrestawra din l-opra tassew unika u tal-fiduċja u interess ġenwin li kontinwament wera fija u l-Koperattiva tar-Restawr ReCoop waqt li kien qed isir ix-xogħol.

1 Mario Buhagiar, *The Late Medieval Art and Architecture of the Maltese Islands*, Fondazzjoni Patrimonju Malti, Malta, 2005, p.199.
2 Attribuzzjoni personali.
3 Gabriele Borghini (ed.), *Marmi Antichi*, Edizione de Luca, Roma, 2001, p. 249.